A.L. 128 ta' l-1991

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI

(ATT NRU. XXIV TA' L-1988)
Regolamenti għall-Grad ta' *Master* fid-Diplomazija (M.Dip.)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(5) u 29(6) ta' l-Att tal-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 33 ta' dak l-Att.

Titolu fil-Qosor

Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti għall-Grad ta' *Master* fid-Diplomazija (M.Dip.), u jgħoddu għal korsijiet mibdija f'Ottubru 1990 jew wara.

REGOLAMENTI GĦALL-GRAD TA' *MASTER* FID-DIPLOMAZIJA (M.Dip.)

(Igħoddu għal korsijiet mibdija f'Ottubru 1990 jew wara)

1. **Kondizzjonijiet għad-Dħul**

1.1 Biex jiġu mdaħħla fil-kors li jwassal għall-Grad ta' *Master* fid-Diplomazija (M.Dip.) kandidati għandhom jkunu:

(a) fil-pussess ta' grad ta' Baċillier mill-Università ta' Malta jew grad ieħor rikonoxxut mill-Università ta' Malta bħala ekwivalenti għall-grad ta' Baċillier;

(b) ikunu jafu bl-Ingliż b'mod li jkunu jistgħu jifhmu l-konferenzi, jaqraw u jiktbu saġġi, kif ukoll ir-risposti għal karti tal-eżamijiet;

(ċ) impjegati mal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin tal-pajjiżi rispettivi tagħhom jew f'aġenzija governattiva oħra attiva fl-affarijiet barranin u kienu hekk impjegati għallanqas sena.

2. **Tul tal-Kors**

2.1 Il-Kors ta' l-Istudju għall-M.Dip. hu mifrux fuq sena akkademika fl-Università ta' Malta.

3. **Struttura tal-Kors**

3.1 Kandidati għall-M.Dip. għandhom jattendu għal żewġ korsijiet ta' semestru l-wieħed fl-oqsma li ġejjin:

— Liġi Internazzjonali

— Ekonomija Internazzjonali

— Relazzjonijiet Internazzjonali

— Storja tad-Diplomazija

— Prattika tad-Diplomazija

3.2 Matul l-ewwel semestru, kandidati mingħajr ebda esperjenza akkademika f'xi wieħed mill-oqsma għandhom jattendu għall-kors bażiku f'dak il-qasam. Kandidati li diġa' jkollhom tagħrif f'dak il-qasam jistgħu jattendu għal kors ta' speċjalizzazzjoni.

3.3 Matul it-tieni semestru, il-kandidati kollha għandhom jattendu għall-korsijiet fl-oqsma kollha li għandhom jixħtu l-enfasi tagħhom fuq ir-reġjun tal-Mediterran u problemi tal-ambjent.

3.4 Kandidati li ma jkunux jafu biżżejjed bl-Ingliż għandhom matul is-sena jattendu klassijiet f'din il-lingwa. Kandidati oħra għandhom jattendu klassijiet f'lingwa internazzjonali mgħallma fl-Università ta' Malta.

3.5 Il-kandidati kollha għandhom jiktbu karta ta' riċerka matul it-tieni semestru fuq suġġett li jaqa' f'wieħed mill-oqsma elenkati fil-paragrafu 3.1 hawn fuq u approvat mid-Direttur. Din il-karta għandha titressaq qabel l-eżamijiet ta' l-aħħar tas-sena.

4. Valutazzjonijiet

4.1 Il-valutazzjonijiet isiru fuq il-bażi ta' valutazzjoni kontinwa tal-kandidat matul il-kors u ta' eżami fl-aħħar tas-sena f'kull qasam ta' studju, inkluża l-lingwa li jkun studja, kif ukoll b'valutazzjoni tal-karta ta' riċerka rikjesta fil-paragrafu 3.5.

4.2 Il-valutazzjoni kontinwa għandha tikkontribwixxi 50% tal-marka globali għal kull qasam, il-marki ta' kull wieħed miż-żewġ korsijiet ta' semestru il-wieħed għandhom jikkontribwixxu ndaqs għal din il-marka. Il-marka tal-eżami tikkontribwixxi r-rimanenti 50% tal-marka globali.

4.3 Il-marki jkunu fuq skala minn A sa E, fejn A hija l-ogħla marka. Biex igħaddi kandidat irid jġib marka ta' Ċ f'kull qasam ta' studju kif ukoll fil-karta ta' riċerka. Kandidat li jieħel f'xi qasam ta' studju jew fil-karta tar-riċerka b'marka mhux inqas minn D jista' jingħata riparatorju jew jiġġiegħel iressaq il-karta ta' riċerka mill-ġdid, skond il-każ, fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni tar-riżultat tal-eżami ta' l-aħħar tas-sena, inkluż dak tal-karta ta' riċerka.

4.4 Kandidat li jieħel f'iżjed minn qasam wieħed ta' studju, inkluża l-karta ta' riċerka, jew li jieħel f'qasam wieħed ta' studju jew fil-karta ta' riċerka b'marka inqas minn D, jew li jieħel fir-riparatorju jew fit-tressiq mill-ġdid tal-karta ta' riċerka ma jiġix ammess għall-Grad.

5. Publikazzjoni tar-Riżultati

5.1 L-ismijiet tal-kandidati li jikkwalifikaw għall-Grad ikunu ppubblikati f'ordni alfabetiku fuq in-*notice board* ta' l-Università.

6. Applikabilità

6.1 Dawn ir-regolamenti jgħoddu għal korsijiet mibdija f'Ottubru 1990 jew wara.